**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tnejn, erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju 2024

Kawża Nru 4988/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

Vs

**Shanaia Saliba**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Shanaia Saliba** ta' erbgħa u għoxrin (24) sena, bint Antoine Saliba u Yolanda nee' Attard, imwielda Pieta' nhar is-sitta (6) ta' Diċembru 1999 u residenti fil-fond Ent A, Fl 3, Triq Dun Frans Camilleri, San Ġwann, detentriċi tal-karta tal-Identita' bin-numru 424599(M) fejn ġiet akkużata illi nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju

2024 għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofs in-nhar (13:30hrs) u fil-ħin ta' wara ġewwa ż-Żejtun:

(1) attakkat jew għamlet rezistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, u cioe` PS 821 M. Abela Galea, PS 2392 M. Grech, PC 1533 J. Sultana, PC 1158 C. Saliba, PC 329 C. Sacco Decelis u PC 206 M. Barbara filwaqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;[1]

(2) wkoll talli inġurjat, jew heddet, jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku cioe' PC 1533 J. Sultana waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbezza' jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;[2]

(3) talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC 1533 J. Sultana;[3]

(4) u aktar talli fl-istess data u ħin volontarjament ħassret, għamlet ħsara jew għarqet ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli, u

[1] Artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
[2] Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

ċioe' qattgħet il-flokk tal-uniformi ta’ PC 206 M. Barbara kif ukoll inqasmet il-beritta tal-uniformi ta’ PC 329 C. Sacco Decelis għad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta’ Malta.[4]

Il-Qorti ġiet mitluba f’każ ta’ ħtija biex tipprovdi għall-persuni ta’ PS 821 M. Abela Galea, PS 2392 M. Grech, PC 1533 J. Sultana, PC 1158 C. Saliba, PC 329 C. Sacco Decelis u PC 206 M. Barbara jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Shanaia Saliba b’obbligazzjoni tagħha nnifsa taħt penali ta’ somma ta’ flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijijet ta’ Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta’ protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Shanaia Saliba għall-benefiċċju ta’ PS 821 M. Abela Galea, PS 2392 M. Grech, PC 1533 J. Sultana, PC 1158 C. Saliba, PC 329 C. Sacco Decelis u PC 206 M. Barbara u l-familja tagħhom u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċċjal Prosekutur;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużata irreġistrat ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti fil-konfront tagħha. Fid-dawl ta’ din l-ammissjoni l-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ tali

[4] Artikolu 325(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

ammissjoni u tatha żmien xieraq sabiex terġa' tikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tagħha;

Semgħet lill-akkużata tikkonferma l-ammissjoni tagħha;

Rat li ma teżisti l-ebda raġuni tajba in linea ma' dak stabbilit fl-artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita jekk ir-reati ġewx tassew magħmula jew tiddubita jekk l-akkużata hux ħatja tar-reati addebitati lilha;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju 2024, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar (13:30hrs) waqt li kien għaddej il-marċ ta' filgħodu tal-festa ta' Santa Katerina fiż-Żejtun, il-Pulizija avviċinaw lil ċertu Leayan peress li dan kien qed jargumenta ma' partitarji tal-każin oppost. Fil-mument li l-Pulizija kienet qed titkellem ma' Leayan, persuna ta' sess femminili marret fuq il-Pulizija u wara li identifikat ruħha bħala l-mara ta' Leayan, hija bdiet targumenta mal-Pulizija għaliex skont hi ħadd ma kien intitolat imissilha r-raġel tagħha. Għalkemm PS 821 avviċina lil din il-persuna femminili sabiex is-sitwazzjoni ma tkomplix teskala, din ma bdietx tikkoopera u għalhekk ġiet arrestata. Hija irresistiet l-arrest bil-qawwa. Infatti bdiet tagħti

kemm bis-sieq kif wkoll tigref bid-dwiefer. Waqt l-arrest PC 1533 soffra xi ġrieħi. Is-sitwazzjoni ġiet kontrollata mill-Pulizija u l-persuna femminili ġiet meħuda l-Għassa tal-Pulizija taż-Żejtun. Hemmhekk il-persuna femminili ingħatat id-drittijiet legali kollha tagħha u ġiet wkoll identifikata bħala li kien jisimha Shanaia Saliba detentriċi tal-karta tal-identita numru 424599(M).

Ikkunsidrat:

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużata, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lil-akkużata ħatja tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tagħha.

Għall-fini ta' piena il-Qorti sejra tikkunsidra l-fatt li:

(a) eventwalment l-akkużata ikollaborat mal-Pulizija; u
(b) ammettiet l-akkużi fi stadju bikri tal-proċeduri, preċiżament mal-ewwel opportunita li hija kellha.

Tenut kont tal-akkużi li qegħdin jiġu addebitati fil-konfront tagħha, il-Qorti fiċ-ċirkustanzi sejra tmur għall-minimu tal-piena li hija tista' teroga fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ. Mhijiex sejra tmur għall-piena li hija anqas mill-minimu jew xi forma ta' piena alternattiva. Dan għaliex aggressjoni fuq uffiċċjal pubbliku bħalma huma l-uffiċċjali tal-Pulizija m'hija qatt ġustifikata. L-uffiċċjali tal-Pulizija involuti kienu

sempliċiment qegħdin jagħmlu xogħolhom u jżommu l-ordni pubbliku fil-kuntest ta’ festa li kienet għaddejja dak il-ħin.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 95, 96, 221(1) u 325(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni tagħha stess, qiegħda issib lill-akkużata ħatja tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tagħha u qiegħda tikkundannaha għall-piena ta’ sitt (6) xhur priġunerija li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta qegħdin jiġu sospiżi għal sentejn (2) mil-lum. In oltre l-Qorti qed tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas ta’ multa ta’ erbat elef ewro (€ 4,000).

A tenur tal-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar il-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw jekk hija tikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta’ priġunerija matul il-perijodu operattiv tas-sentenza.

Finalment il-Qorti fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma tqisx li hemm lok li jiġu applikati l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**